MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2014

Avviz Numru. 90/2010

**Citadel Insurance p.l.c. (C 21550) kif surrogata bil-polza u bil-Ligi fid-drittijet tal-assikurat taghha Mario Difesa u l-istess Mario Difesa (ID 333055M)**

**vs**

**Anthony Mizzi**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippresentat fis 16 ta’ Marzu 2010 fejn ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallashom is-somma ta’ erbat elef, tlet mija u tmienja u sebghin Euros u hames a tletin centezmu (€4,378.35) jew somma ohra bhala kumpens ghal hsarat ikkawzati fil-fond Flat 6, Lockstone Court, Windsor Terrace, Sliema, propjeta ta’ Mario Difesa, liema hsara giet ikkawzata unikament htija ta’ Anthony Mizzi.

Rat illi fl-10 ta’ April 2010 l-intimat ma kienx notifikat u fit-18 ta’ Mejju 2010, il-kawza giet differita ghal notifika.

Rat illi l-kawza baqghet tigi diferita ghan-notifika minn dakinhar sa l-1 ta’ Gunju 2012 fejn, wara disgha differimenti ghan-notifika fejn qatt ma saret tentattiv ta’ notifika, il-kawza giet kancellata.

Rat illi fl-4 ta’ Gunju 2010 sar rikors ghar-riappuntament tal-kawza, liema kawza giet riappuntata ghat-22 ta’ Ottubru 2012 bl-intiza illi jekk l-intimat ma jkunx notifika sa dakinhar, il-kawza terrggha tigi kkancellata.

Rat illi fit-13 ta’ Lulju 2012 reggha sar tentativ ghan-notifika fl-indirizz Flat 8, Lockstone Court, Windsor Terrace, Sliema, liema notifika kienet ghal darba ohra negattiva.

Rat illi, madanakollu, il-Qorti kkoncediet hames differimenti ohra ghan-notifika u, wara li fid 9 ta’ Jannar 2013 sar tentattiv ta’ notifika fl-istess indirizz li falla, il-Qorti, fl-14 ta’ Jannar 2013, awtorizzat lir-rikorrenti jinnotifikahom permezz ta’ affissjoni u pubblikazzjoni, liema affissjoni saret fis-16 ta’ April 2013 filwaqt illi pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret fl-14 ta’ Mejju 2013.

Rat illi, filwaqt li pubblikazzjoni f’gazzetta locali ma saritx, fit-23 ta’ Mejju 2013 l-intimat ippresenta id-difiza tieghu fejn ressaq hames eccezzjonijiet preliminari kif ukoll zewgt eccezzjonijiet fuq il-meritu.

Rat illi, preliminarjament, l-intimat sahaq illi n-notifika hija invalida peress illi ma saritx fl-indirizz tar-residenza ordinarja ta’ l-intimat, bi ksur tal-Artkikolu 187 (3) tal-Kap 12. Sahaq wkoll illi martu, Edna Mizzi, ma gietx interpellata minkejja illi l-propjeta kienet parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, u ghalhekk ir-rikors kien null. l-Intimat qajjem ukoll l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni abazi tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 filwaqt illi stqarr ukoll illi l-propjeta ma kienetx ghandha taghhom u li l-azzjoni kienet dezerta ai termini tal-Artikolu 963 tal-Kap 12.

Rat illi, fuq il-meritu, l-intimat sahaq illi l-incident ma wassalx ghat-tort tieghu u, semmai, id-danni mitluba huma eccessivi.

Rat illi fis-27 ta’ Mejju 2013, fl-assenza tar-rikorrenti jew l-avukati taghhom, il-Qorti ordnat l-inverzjoni tal-provi fuq l-ewwel hames eccezzjonijet ta’ l-intimat, ossija l-eccezzjonijiet preliminari.

Rat illi fil-5 ta’ Lulju 2013, ghal darba ohra fl-assenza tar-rikorrenti jew l-avukati taghhom, semghet il-provi ta’ l-intimat dwar l-ewwel hames eccezzjonijiet tieghu u differit il-kawza ghal-25 ta’ Ottubru 2013 ghall-provi tar-rikorrenti.

Rat ili wara li, fil-25 ta’ Ottubru 2013, ir-rikorrenti ma ressqu ebda provi, fis-seduta tad-29 ta’ Novembru 2013, ir-rikorrenti iddikjaraw illi ma klelhom ebda provi x’jippresentaw.

Rat illi fid-29 ta’ Novembru 2013, l-avukati rispettivi tal-partijiet ittrattaw il-kaz, li imbghad gie differit ghas-sentenza fuq l-ewwel hames eccezzjonijiet ta’ l-intimat ghallum.

**Ikkunsidrat**

L-ewwel u qabel kollox, il-Qorti tinnota li, minkejja li ir-rikorrenti intavolaw il-proceduri odjerni fis-16 ta’ Marzu 2010, kien biss wara erbghatax-il differitment ghan-notifika li fis-16 ta’ April 2013 u fl-14 ta’ Mejju 2013 saru l-affissjonijiet u l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern rispettivament - risposta eventwalment iddahhlet fit 23 ta’ Mejju 2013.

Apparti minn hekk, il-Qorti tosserva wkoll illi provi dwar l-ewwel hames eccezzjonijiet tressqu unikament mill-intimat u r-rikorrenti ma ressqu ebda provi b’mod illi l-Qorti ma hija pprovvista b’ebda provi dwar meta gara l-incident meritu tal-kawza odjerna u kif gara l-incident, kif ukoll jekk saritx xi interpellazzjoni gudizzjarja ohra qabel li nbdew il-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

L-eccezzjonijet imressqa mill-intimat huma hamsa u l-Qorti jidhrilha xierqa illi tikkunsidrahom lkoll, wiehed wiehed.

L-ewwel eccezzjoni hija li n-notifika hija invalida peress illi ma saritx fir-residenza ordinarja tieghu, bi ksur ta' l-artikolu 187 (3) tal-Kap 12.

L-artikolu 187 (3) tal-Kap jipprovdi, inter alia, is-segwenti -

"*Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax li qiegħda barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf, il- qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil- post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir- residenza.*"

L-intimat, fil-verbal mhux kkontestat mill-parti l-ohra u maghmul mill-avukat tieghu fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2013, iddikjara illi r-rikorrenti kienu a korrent ta' l-indirizz tar-residenza tieghu, ossija 137, 'Clayton',Triq Claire E Engel, San Giljan, kif deher mill-ID Card minnu stess esebita, peress illi kien hemm skambju ta' korrispondenza bejn il-partijiet qabel ma infethet il-kawza.

Jirrizulta wkoll mill-atti kollha, illi r-rikorrenti ippruvaw jinnotifikaw lilll-intimat fl-indirizz tal-flat fejn sehh l-incident, ossija Flat 8, Lockstone Court, Windsor Terrace, Sliema filwaqt illi jirrizulta li l-intimat kellu l-indirizz tar-residenza tieghu fuq l-ID Card indikata bhala dik aktar il-fuq indikat, li kienet differenti minn dik li fiha kienu qed isiru in-notifiki.

Il-Qorti tinnota illi, filwaqt li huwa minnu li, meta xehed l-intimat, huwa ippresenta kopja tal-karta ta’ identita’ tieghu, madanakollu ma gewx ippresentati provi li jindikaw minn meta l-intimat kien registrat fuq tali indirizz il-gdid, la billi wera il-parti ta’ wara tal-Karta ta’ l-Identita’ li turi id-data tal-hrug taghha u lanqas billi esebixxa estratt ta’ l-ewwel Registru Elettorali li indikah f’tali indirizz gdid, u ghalhekk il-Qorti ma hijiex f’pusizzjoni tistabilixxi jekk, meta saru t-tentattivi tan-notifika, ir-residenza ta’ l-intimat kienetx fl-indirizz fejn ir-rikorrenti kienu qed jippruvaw jinnotifikawh fiha, jew inkella kienetx fl-indirizz fejn huwa registrat l-intimat illum.

Il-Qorti, apparti minn hekk, tinnota illi fl-artikolu 187 (3) tal-Kap 12, in-notifika fir-residenza ta’ l-intimat ghandha ssir, “meta jkun possibbli”. Fil-kaz in ezami, ma giex ippruvat illi r-rikorrenti kienu f’pusizzjoni jistabilixxu indirizz tar-residenza ta’ l-intimat differenti minn dak li attwalment saret fih l-affissjoni, kif jidher a fol 28 (tergo) tal-process, u ghalhekk il-Qorti ma tara xejn hazin billi saret fl-affissjoni fl-indirizz fejn kienu qed jippruvaw jinnotifikawh ir-rikorrenti, billi ma tressqet ebda prova kif fuq indikat.

Ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni ma tirrizultax.

It-tieni eccezzjoni imressqa tirrigwarda l-fatt illi r-rikorrenti ma niedux il-proceduri odjerni wkoll kontra mert l-intimat, ossija Edna Mizzi, u dana billi, kif stqarr l-intimat, il-propjeta kienet tal-komunjoni ta’ l-akkwisti u ghalhekk kellha tigi mharrka hi wkoll.

Il-Qorti tosserva illi l-Komunjoni ta’ l-Akkwisti hija regolata bl-artikoli 1316 sa 1333 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dwar tali artikoli, il-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza ‘**Alice Brown etvs John Mifsud**’ deciza fit 3 ta’ Marzu 2005 stqarret is-segwenti:-

*“M’hemmx dubju li qabel l-1993, ir-rapprezentanza legali u guridika tal-komunjoni tal-akkwista kienet vestita f’idejn ir-ragel biss, li wahdu seta’ jagixxi u jiddisponi mill-assi tal-komunjoni kwazi bla xkiel. Bl-Att XXI tal-1993, li emenda l-*

*Kodici Civili, il-posizzjoni inbiddlet u r-rapprezentanza tal-komunjoni tal-akkwisti giet affdata fil-koppja mizzewga. Il-ligi, pero', dahlet distinzjoni bejn l-amministrazzjoni ordinarja u l-amministrazzjoni straordinarja tal-istess akkwisti. L-artikolu 1322(1) tal-Kodici Civili jiddisponi li l-amministrazzjoni ordinarja tal-akkwisti u l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dik l-amministrazzjoni ordinarja imissu lil kull wahda mill-partijiet mizzewga. Min-naha l-ohra, l-artikolu 1332(2) jipprovdi li l-jedd li jitwettqu l-atti ta' amministrazzjoni straordinarja, u l-jedd li wiehed iharrek jew jigi mharrek dwar dawk l-atti imissu liz-zewg mizzewgin flimkien.*

*L-atti ta' amministrazzjoni straordinarja huma elenkati tassittivament u esklussivament fis-subartikolu (3) tal-artikolu 1322. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Elmo Insurance Services Ltd vs Pace", deciza fit-3 ta' Ottubru, 2003, huma biss dawk l-atti elenkati fl-artikolu 1322(3)(a) sa (m) li ghandhom jitqiesu ta' natura straordinarja u, ghalhekk, ghandhom jinghataw interpretazzjoni restrittiva."*

Issa, fil-kaz odjern, l-azzjoni intavolata mir-rikorrenti ma tinkwadra ruhha b'mod restrittivament f'ebda wahda mill-azzjonijiet straordinarji u li, ghalhekk, jenhtiegu illi z-zewgt mizzewgin iridu jitharrku.

Ghalhekk, it-tieni eccezzjoni ma tirrizultax.

It-tielet eccezzjoni hija dik imqajjma mill-intimat illi l-azzjoni odjerna hija preskritta bit-trapass tas-sentejn a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap 16 li jipprovdi dwar il-preskrizzjoni illi tolqot l-azzjonijiet dwar hlas ta' hsarat mhux ikkagunati b'reat.

Kif gia kellha l-opportunita' tinnota dina l-Qorti, l-proceduri odjerni kienu karatterizzati minn nuqqas ta' interess kbir da' parte tar-rikorrenti, tant illi fi tlett snin shah, wara illi s-socjeta rikorrenti damet aktar minn sentejn sabiex tinnotifika lill-intimat, liema notifika, ghalkemm saret parzjalment, ma kienetx kompleta, kif ser tispjega aktar il-quddiem dina il-Qorti, l-istess socjeta rikorrenti ma ressqet ebda dokumentazzjoni ta' alkun tip illi tispjega x'kien li wassal ghall-proceduri odjerni u meta, semmai, sehh l-incident illi wassal ghall-proceduri odjerni.

Tenut kont ta' tali nuqqas, il-Qorti ikollha tistrieh fuq il-fatti illi hija tista tikkonkludi b'certezza fl-atti fil-pussess taghha.

Jirrizulta illi fis 16 ta' Marzu 2010, is-socjeta rikorrenti niedet il-proceduri odjerni, liema proceduri gew notifikati lill-intimat, permezz ta' affissjoni fis 16 ta' April 2013 u pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fl 14 ta' Mejju 2013. Il-Qorti tinnota illi, ghalkemm l-artikolu 187 (3) jipprovdi illi l-intimat jitqies li jigi notifikat wara tlett ijiem illi ssir il-pubblikazzjoni jew affissjoni, il-publikazzjoni fil-Gazzetta lokali, mehtiega bil-ligi, ma saritx, u ghalhekk, il-Qorti trid tqies id-data meta l-intimat gie notifikat l-ewwel darba bl-atti tal-proceduri odjerni bhala dik id-data meta l-istess intimat ippresenta l-eccezzjonjiet u ghalhekk, dato non concesso, dakinhar ta' ruhu notifikat bl-atti. Dana sehh fit 23 ta' Mejju 2013, u ghalhekk il-Qorti tqis illi l-intimat gie notifikat bl-atti tal-proceduri odjerni fit 23 ta' Mejju 2013.

Peress illi jirrizulta illi l-azzjoni odjerna inbdiet fis 16 ta' Marzu 2010 u l-intimat ta' ruhu notifikat bl-avviz fit 23 ta' Mejju 2013, jirrizulta ben ippruvat illi l-periodu ta' sentejn pprovdut mill-artikolu 2153 f'kazijiet ta' danni skada u ghalhekk l-eccezzjoni imressqa mill-intimati jimmerita illi tigi milqugha.

Ir-raba eccezzjoni tirrigwarda l-argument imresaq mill-intimat illi l-propjeta ma hijiex tieghu u ghalhekk ma kellhux jigi imharrek fil-proceduri odjerni. Mid-dokumentazzjoni imressqa mill-istess intimat, jirrizulta illi fit-22 ta' Dicembru 2008 l-intimat kien biegh il-propjeta lill-terzi u ghalhekk ma baqax propretarju tal-fond meritu tal-kawza odjerna. Peress illi l-Qorti ma ghandha ebda indikazzjoni dwar meta sehh lallegat incident, ikollha tistrieh fuq il-fatti kif kienu fil-mument illi giet ippresentata l-kawza odjerna u, jirrizulta li, meta giet ippresentata l-kawza, l-intimati ma kienux propretarji tal-fond fejn kien qieghed jigi notifikat l-intimat u minn fejn, presumibbilment, gara il-hsara. Ghalhekk, dina l-eccezzoni timmerita illi tintlaqa wkoll.

Il-hames u l-ahhar eccezzjoni hija dik illi r-rikors odjern huwa desert a tenur ta' l-artikolu 963 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ossija it-trapass taz-zmien perentorju ta' sitt xhur fil-qorti tal-ewwel grad.

Il-Qorti tinnota illi, a tenur ta' l-artikolu 963 (2) fuq imsemmi, fl-ewwel grad, bhalma hija din il-Qorti, "iz-zmien jidba ghaddej minn dak in-nhar tal-prezentata tar-rikors guramentat".

Issa, huwa ben risaput, illi l-proceduri quddiem dina l-Qorti ghandhom ikunu proceduri sommarji, kif trid il-ligi, u l-proceduri odjerni ma jinbdewx b'rikors guramentat, izda permezz ta' rikors biss. Dana huwa dovut ghal fatt illi, meta l-legislatur kien qieghed jipprovdi ghal deserzjoni tal-kawzi, huwa kien qieghed jipprovdi ghal kawzi quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili li, dak iz-zmien, kien jinbdew b'citazzjoni, sussegwentement rimpjazzat b'rikors guramentat. Tali fatt huwa aktar msahhah mill-fatt illi l-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghandha titmexxa b'mod sommarju, kif jipprovdu l-artikolu 171 (2) u 215 tal-Kap 12.
Ghalhekk, id-dettam tal-ligi ghal dak li jirrigwrada deserzjoni tal-kawzi a tenur ta' l-artikolu 963 et seq tal-Kap 12 ma japplikax ghal proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati u, ghalhekk, l-eccezzjoni imressqa mill-intimat f'dana il-kaz ma japplikax.

**Konkluzjoni**
Il-Qorti,
Wara illi rat l-atti kollha prodotti quddiemha u
Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet
Tghaddi beix taqta u tiddeciedi billi
Tichad l-ewwel (1) tieni (2) u hames (5) eccezzjoni imressqa mill-intimat filwaqt illi
Tilqa' it-tielet (3) u raba (4) eccezzjoni ta' l-intimat u ghalhekk
Tichad it-talbiet attrici kollha peress illi huma milquta bl-effetti tat-tielet u raba eccezzjonijiet imressqa mill-intimat u milqugha minn dina l-Qorti.
Spejjez kollha tal-proceduri odjerni ikunu a kariku tas-socjeta rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------